MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' April, 2013

Numru. 722/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**SANDRO (ALEXANDER GEORGE) SCHEMBRI ADAMI ta' 48 sena, iben Franz u Yvonne nee' Brincat, imwieled Attard nhar il-25.08.1963, residenti fil-fond numru 15, Flat 17, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 488 863M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Sandro (George) Schembri Adami** li gie akkuzat talli:

1. F’dawn il-Gzejjer, f’Jannar tas-sena 2005, u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, bhala ufficjal pubbliku, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih innifsu jew ghal haddiehor, l-ammont ta’ flus li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) ghad-dannu ta’ John Cauchi u l-eredi ta’ Salvu Ciantar; Duncan Farrugia; Kelly Rice; Lawrence Briffa; Rose Briffa; Ronald Briffa; Marco Millo u Pauline Millo; Aaron Micallef u Monqiue Farrugia; Ladislao Giuseppe Micolucci; Claire Micolucci; Pius Micallef u Veronica Micallef; Alexander Mifsud; Marisa Galea; Anthony Aquilina u Josette Maria Galea; Jonathan Mifsud; Annabelle Mangion; Anthony Fenech Vella u Joseph Cutajar; Anthony Persiano; Franco Schembri u Pauline Schembri; Christopher Vella u Alexia Vella; Jonathan Vella; Roderick Zahra u Liza Pace; liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

2. U aktar talli dolozament fl-istess perjodu u cirkostanzi, fil-kapacita’ tieghu ta’ ufficjal pubbliku, dolozament bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att b’taghkis jew bi hsara ta’ haddiehor.

3. U aktar talli **<u>fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni</u>**, fl-istess perjodu u cirkostanzi, fil-kapacita’ tieghu ta’ Nutar Pubbliku, naqas illi jhallas it-taxxa dovuta taht id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti;

4. U aktar talli **<u>fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni</u>**, fl-istess perjodu u cirkostanzi, fil-kapacita’ tieghu ta’ Nutar Pubbliku, naqas illi jhallas it-taxxa dovuta taht id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe’:

1. L-Artikoli 18, 293, u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. L-Artikoli 18 u 138 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. L-Artikolu 50(a) tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. L-Artikolu 43(a)(b) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. L-Artikoli 30(1)(a), 140, 141, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moqrija l-Artikoli hawn fuq imsemmija, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll illi ghal diversi drabi l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, anke fil-fatt illi fil-mori ta’ hafna differimenti kien iddecieda li jirtira l-ammissjoni tieghu. Wara dan, l-istess regghet giet ri-affermata (folio 137).

Wara li rat ir-rikors tal-imputat fejn ippremetta u talab – u r-risposta tal-Ufficjal Prosekutur fejn qal.

Ghalhekk din il-Qorti, fil-waqt illi qed tichad it-talba tar-res judicata, anzi dik tan-ne bis in idem ghar-ragunijiet gia’ premessi fir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll infatti l-istess, **qatt** ma giet pruvata bhala eccezzjoni mill-proponitur taghha, tilqa’, wara li anke li rat li fuq hekk hemm qbil tal-partijiet, u l-verbal tas-seduta tal-lum, it-talbiet tad-Difiza li l-Qorti taghti sentenza wahda fiz-zewg kumpilazzjonijiet imsemmija, kif ukoll illi tapplika ghalihom l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Illi rat ghalhekk il-Qorti, l-Artikoli kollha mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe’:

- L-Artikoli 18, 293, 294, 138, 301(1)(a), 140, 141, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikolu 50(a) tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta’ Malta;

- L-Artikolu 43(a)(b) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat ukoll dwar il-piena, stante li dawn il-kawzi t-tnejn gew ghal darba tnejn ammessi, illi l-imputat talab ukoll li jinghata piena karcerarja effettiva.

Illi in kwantu hekk, fuq tali ammissjoni, din il-Qorti qieghda ssib htija, wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 138, 30, 140, 141, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll l-Artikolu 43 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, qieset dak kollu premess, kif ukoll il-posizzjoni ta' fiducja li kien igawdi minnha l-imputat fi zmien tar-reati, liema fiducja huwa kisser u xejjen ghal kollox, u fuq ammissjoni ghal darba darbtejn ikkonfermata, qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn(2) sospizi ghal erba'(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan anke in vista' tal-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, u in vista' ta' l-ammissjoni tieghu, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed taghmel ordni ta' Restituzzjoni skont ix-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa':

1. John Cauchi Lm300 + Lm750.00 ekwivalenti ghal €2,446.50, eredi Salvu Gauci Lm2,100 bank draft ekwivalenti ghal €4,893;

2. Duncan Farrugia u Kelly Pace - Lm250.00 ekwivalenti ghal €582.50 u Lm650.00 €1514.50; Lawrence Briffa, Ronald Briffa, Marco Mello Lm1,750.000 ekwivalenti ghal €4,077.50;

3. Aaron Micallef u Monqiue Farrugia, Lm300.00 ekwivalenti ghal €699 u Lm830.00 ekwivalenti ghal €1,933.90;

4. Claire u Ladislao Micolucci Lm700 ekwivalenti ghal €1,631;
P Micalelf Lm1,400.00 ekwivalenti ghal €3,262

5. Alexander Mifsud Marisa Galea Lm1,075 ekwivalenti ghal €2,504.75
Anthony Aquilina u Josette Maria Galea Lm1,925.00 ekwivalenti ghal €4,485.25

6. Jonathan Mifsud u Annabelle Mangion Lm230.00 ekwivalenti ghal €535.90 u Lm610.00 ekwivalenti €1,421.30, Anthony Fenech Vella Joseph Cassar Hogri Departments Lm1,680.00 ekwivalenti ghal €3,914.40

7. Anthony Anna Persiano Lm2,700.00 ekwivalenti ghal €6,291

8. Franco u Pauline Schembri - Lm600.00 ekwivalenti ghal €1,398 - Lm2,350.00 ekwivalenti ghal €5,475.50

9. Christopher u Alexia Vella Lm601.65 ekwivalenti ghal €1,401.84

10. Jonathan Vella u eredi ta’ Carmelo Spiteri Lm265.00 ekwivalenti ghal €617.45 u Lm662.00 ekwivalenti ghal €1,542.46

Roderick Zahra Lisa Pace Lm225.00 ekwivalenti ghal €524.25; Lm970.00 ekwivalenti ghal €2,260.10

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------